MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 59/2000/1

**RainbowMix Concrete Ltd.**

***kontra***

**Michael u Petra konjugi Bianchi**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-13 ta` Jannar 2000 li taqra hekk –

*Premess illi l-konvenuti huma debituri versu s-socjeta` attrici fis-somma ta` tlett elef tlett mija disgha u erbghin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,349.17), bilanc ta` somma akbar, import ta` xogholijiet ta` kostruzzjoni ezegwiti mis-socjeta` attrici go fond il-Wardija*

*fuq inkarigu tal-konvenuti, liema xogholijiet huma deskritti dettaljatament f`zewg dokumenti annessi u mmarkati Dok.A u B tal-perit inkarigat mix-xogholijiet ; u*

*Premess illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex ihallsu d-dejn taghhom versu s-socjeta` attrici, baqghu inadempjenti ; u*

*Premess illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa veru, likwidu u cert u, fil-fehma taghha, il-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet validi x`jopponu kontra t-talba attrici ;*

*Ighidu, ghalhekk, il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex –*

*(1) Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta` l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta) ; u*

*(2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` tlett elef tlett mija disgha u erbghin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,349.17), bilanc ta` somma akbar, import ta` xogholijiet ta` kostruzzjoni ezegwiti mis-socjeta` attrici go fond il-Wardija fuq inkarigu tal-konvenuti, liema xogholijiet huma deskritti dettaljatament f`zewg dokumenti annessi u mmarkati Dok. A u B tal-perit inkarigat mix-xogholijiet.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja datata 19 ta` Mejju 1999 u dawk ta` l-ittra ufficjali datata 7 ta` Lulju 1999, u bl-imghaxijiet kummercjali mis-7 ta` Lulju 1999, sad-data ta` l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-25 ta` Frar 2000 (fol 16) fejn wara li kienet tal-fehma li l-konvenuti kellhom ragunijiet fuqhiex jikkontestaw it-talba attrici, akkordat lill-konvenuti zmien ghoxrin (20) jum biex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fit-<u>13 ta` Marzu 2000</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-istess fatti jikkostitwixxu l-mertu ta` kawza ohra fl-ismijiet inversi pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta (Cit. Numru: 1401/99RP, Diff: 22/03/00) u ghalhekk iz-zewg kawzi ghandhom jigu konnessi ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li x-xogholijiet li s-socjeta` attrici ezegwit fil-fond tal-konvenuti ma gewx ezegwiti skond is-sengha u l-arti u kkagunaw danni lill-konvenuti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta` Gunju 2000 (fol 21) fejn hatret lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata

dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rikors tal-perit tekniku tas-7 ta` Novembru 2005 (fol 42 sa 44) fejn wara li fisser lill-Qorti d-diffikultajiet li kien qieghed jiltaqa` maghhom sabiex jigbor il-provi, u wara li rrileva li l-partijiet ma kienux qeghdin juru interess fil-kawza, talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah li jghaddi ghar-relazzjoni kemm –il darba l-partijiet ma jattendux ghas-seduta li kien appunta ghas-16 ta` Novembru 2005 u 12 ta` Dicembru 2005. Din it-talba kienet milqugha b`digriet moghti dakinhar stess tas-7 ta` Novembru 2005 (fol 45).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2006 (fol 50) fejn il-perit tekniku kien ordnat jappunta l-ahhar seduta u wara jghaddi ghar-rapport fuq il-provi migbura.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Marzu 2007 (fol 57) fejn il-perit tekniku rega` kien awtorizzat izomm l-ahhar seduta u wara jghaddi ghar-rapport.

**Rat ir-relazzjoni li l-perit tekniku pprezenta fl-atti tal-kawza fl-ismijiet *Michael Bianchi et vs Rainbow Mix Concrete Limited (Citaz. Nru. 1401/1999/GV)* u li kkonferma bil-gurament tieghu fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Kif huwa evidenti mill-mod kif svolga l-*iter* tal-kawza tal-lum mill-bidu sal-ahhar, dik ir-relazzjoni kellha tghodd ukoll ghall-fini tal-esitu ta` din il-kawza, stante li kienet bejn l-istess partijiet u kellha l-istess mertu.**

Qieset il-mod kif kienet kondotta l-eskussjoni tal-perit tekniku min-naha tal-konvenuti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2010 fejn halliet ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

In-natura tal-kuntratt ta` appalt kienet trattata fis-sentenza ta` din il-Qorti tad-9 ta` April 1968 fil-kawza **"Busuttil vs Fedele et"** fejn *inter alia* kienet citata s-sentenza ta` l-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta` Marzu 1939 fil-kawza **"Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza "**Busuttil vs Fedele et**", il-Qorti qalet hekk –

*... il-kuntratt ta` appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita` taghhom b`mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta` Gunju 1994 fil-kawza **"<u>Bonnici noe vs Sammut</u>"**.

Meta tinqala` tilwima dwar appalt, tnejn huma generalment il-kwistjonijiet li qorti ghandha tikkunsidra –

(1) jekk l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet kommissjonati saritx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati bejn il-kontraenti ; u

(2) jekk l-ezekuzzjoni u l-prodott finali kienx konformi mar-regoli ta` l-arti u tas-sengha.

Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa` kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**<u>Darmanin vs Agius</u>"** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk -

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li `l quddiem juri difetti. L`imprenditore ha l`obbligo di eseguire bene l`opera commessagli, secondo i dettami dell`arte sua, e deve*

*prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol.XXVII.I.373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL.I.485**).*

*It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII.III.883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta` Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI.I.667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

Hija pacifika l-gurisprudenza li tirritjeni illi "*jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta` dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest, l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu*" ("**Pisani -vs- Debattista**", Prim` Awla, Qorti Civili, 8 ta` Mejju, 1958 ; "**Portelli -vs- Ritchie**", Prim` Awla, Qorti Civili, 21 ta` Marzu, 1960 ; "**Calleja -vs- Cavallo**", Prim` Awla, Qorti Civili, 14 ta` Frar, 1963)

In aggjunta ghandu jinghad li dak l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina propju (ara l-Art.1069[2] tal-Kap.16) ghaliex huwa jitqies in kolpa minhabba l-inadempiment ta` obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-*onus* tal-prova ta` danni tibqa` tispetta lil din jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali.

Dwar il-kwistjoni tad-danni, din il-Qorti zzid tirrileva li fis-sistema legali taghna *hu rikonoxxut lill-gudikant…il-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta` dak espress mill-Qorti Taljana ta` Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l`ammontare del danno al risacrimento del quale taluno fu condannato"* ("**Camilleri et v. The Cargo Handling Co. Ltd**" - Prim Awla tal-Qorti Civili - 13 ta` Ottubru 2004).

**Ikkunsidrat :**

Fl-istanza taghha fil-kawza tal-lum, il-kumpannija attrici Rainbow Mix Concrete Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Rainbow Mix") talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta` Lm3,349.17c, bhala bilanc ta` somma akbar, li tallega li kienet dovuta mill-konvenuti ghall-appalt ta` xoghol ta` kostruzzjoni li sar fuq inkariku tal-konvenuti gol-villa tal-konvenuti fil-Wardija, skond kejl u konteggi li saru mill-Perit Felix Sciberras (ara Dok A u Dok B – fol 5 sa fol 10 tal-process). Il-konvenuti wiegbu ghal din l-istanza billi cahdu li kienu debituri ta` Rainbow Mix stante li l-appalt ma kienx esegwit skond is-sengha u l-arti.

L-appalt in kwistjoni kien jikkoncerna l-perkolazzjoni ta` ilma fil-fond in kwistjoni, l-estensjoni tal-kcina, il-carport / garage, swimming pool, flatlet u tisbieh generali. Ix-xoghol kien taht is-supervizjoni tal-Perit Felix Sciberras mid-ditta ta` periti Architectural Projects. Waqt li kien ghaddej ix-xoghol, mar fuq il-post ufficjal mill-MEPA li mbaghad waqqaf ix-xoghol permezz ta` *stop notice.* Dan gara ghaliex skond il-MEPA ix-xoghol li kien qieghed isir ma kienx kopert minn permess ta` l-bini. Ghalhekk Rainbow Mix kellha tieqaf u marret tahdem band`ohra.

Wara xi zmien, hareg il-permess u l-konvenut ghamel kuntatt ma` Rainbow Mix sabiex tissokta bix-xoghol. Din pero` ma kenitx disponibbli fl-immedjat kif riedu l-konvenuti peress illi Rainbow Mix kienet qeghda tahdem band`ohra. Il-konvenuti ghalhekk itterminaw. l-appalt. Min-naha taghha, Rainbow Mix kienet disposta taccetta t-tmiem tal-appalt purche` tiehu l-ingenji li kienu ghadhom fis-sit tal-konvenuti kif ukoll li tithallas l-ammont bilancjali li kien ghadu dovut.

Dwar l-ezekuzzjoni tal-appalt, irrizulta li kull fejn il-Perit Felix Sciberras kien isib difetti fit-twettieq tax-xoghol, Rainbow Mix kienet tirrimedja fuq struzzjonijiet u ghas-sodisfazzjon tal-istess perit. Ix-xoghol kien finalment approvat mill-perit u ghadda ghall-pagament.

Wara li kien terminat l-appalt ta` Rainbow Mix, ix-xoghol tkompla minn Attard Bros Limited. Perit iehor il-Perit Conrad Buhagiar iccertifika numru ta` difetti fix-xoghol kif twettaq minn Rainbow Mix.

**Ikkunsidrat :**

Fir-relazzjoni tieghu, il-Perit Gudizzjarju Joseph Ellul Vincenti jaghmel enfasi fuq il-fatt li kien il-Perit Felix Sciberras li kien fdat bid-direzzjoni u s-sorveljanza tax-xoghol meta l-appalt ta` Rainbow Mix kien ghadu fis-sehh. Waqt il-gbir tal-provi, issemmew il-Perit Emilio Sacco u l-Perit Conrad Buhagiar. Dan tal-ahhar hareg *works defect certificate* datat 3 ta` Frar 1999. Fir-relazzjoni, il-perit tekniku jesprimi l-veduti tieghu dwar l-ilmenti li saru dwar ix-xoghol.

Il-konvenuti jghidu li wiehed mill-pilastri kellu jinhatt u jerga` jinbena peress li meta sar il-*print crete* kellu jidhol

makkinarju goff u ghalhekk izzarma pilastru sabiex il-makkinarju seta` jghaddi. Rainbow Mix tikkontesta li hekk kien il-kaz ghaliex qalet li z-zewg pilastri nizlu peress illi s-soll kien hazin. Il-perit tekniku kien tal-fehma li l-pretensjoni tal-konvenuti kienet infondata tant li abbazi tal-kont tal-Perit Sciberras tat-3 ta` Gunju 1998, il-bini taz-zewg pilastri kien approvat minnu u l-ammont stabbilit ta` Lm140 kien inkluz fl-istess kont.

Il-konvenuti lmentaw dwar difetti fit-tarag tal-gebel fl-entratura tad-dar. Skond il-perit tekniku, irrizulta minn provi li gabar li xi gebel mit-tarag ta` quddiem id-dar kien miksur minn qabel beda ix-xoghol waqt li gebel iehor garrab hsara waqt li kien qed jinqala` x-xoghol. Il-Perit Sciberras ta struzzjonijiet sabiex il-gebel il-miksur jinbidel b`gebel gdid, izda l-kuntrattur ma ottemperax ruhu. Ghalhekk il-Perit Sciberras ma approvax ix-xoghol tat-tarag u konsegwentement ma kellu jsir l-ebda pagament ghal dak ix-xoghol. Mill-mod kif svolgew il-fatti, irrizulta li l-konvenuti ma hallsu xejn ghall-qlugh u ghat-tqeghid mill-gdid tat-tarag. Ghalhekk ma nkorrewx danni.

Ilment iehor ta` l-konvenuti kien jirrigwarda il-*print crete* u l-pavimentar. In partikolari dwar dan tal-ahhar, il-konvenuti sostnew li l-passi baqghu jidhru fuq il-paviment. Il-perit tekniku kien tal-fehma li kien improbabbli li l-passi hargu wara li hareg il-kont tal-Perit Sciberras. Fil-fatt irrizulta li d-difett kien rimedjat minn Rainbow Mix u in segwitu l-Perit Sciberras iccertifika l-hlas.

Dwar l-ilment tal-konvenuti koncernenti l-ahmar fil-paviment li naqqas jew ntefa` maz-zmien, il-perit tekniku kien tal-fehma li l-kulur ahmar, specjalment fil-pavimentar, ghandu t-tendenza li ghax trab fin jidhol fil-pori tal-concrete jhalli effett negattiv fuq il-kulur. Inoltre dak il-kulur ibghati mir-raggi tax-xemx qawwija specjalment fis-sajf. Ghalhekk kien biss maz-zmien kien naturali li l-kulur jitfi. Meta sar l-access, il-kulur ghalhekk iccara kien ghadu tajjeb.

Punt iehor sollevat kien dwar il-membrane tal-gutter. F`dan il-kuntest, ir-riferenza kienet tal-Perit Buhagiar dwar membrane li kienet saret sabiex tipprotegi il-pedament tad-dar. Skond il-perit tekniku, anke jekk terzi, fuq inkariku tal-konvenuti, nehhew il-membrane li kienet saret minn Rainbow Mix ma kienx bilfors ifisser li kif sar ix-xoghol minn Rainbow Mix sar hazin. Tant jidher li ma kienx hekk il-kaz li l-Perit Felix Sciberras ikkonferma li '*ix-xoghol li ghamlu Rainbow Mix gie mkejjel minni u ccertifikat korrett u mghoddi ghall-pagament skond dokument A u B a fol. 5 sa 10 tal-process'*. ( a fol. 136 tal-process).

Waqt l-access sar ilment li kien hemm xi gebel miksur fil-hnejja tal-garage. Il-konvenuti sostnew li xi gebel kellu jinbidel minn terzi. Il-perit tekniku jirrelata illi hu ma rax gebel miksur fil-hnejja. Fil-fatt lanqas seta` jinbidel gebel, kif allega l-konvenut, peress illi s-samrotti tal-hnejja kellhom il-concrete warajhom u il-gebel kien ingastat fil-concrete.

Ghar-rigward tad-damp proof course, il-perit tekniku qaghad fuq id-disposizzjoni tal-Perit Sciberras fis-sens li kkonferma li dik kienet saret ghas-sodisfazzjon tieghu.

Skond il-Perit Sciberras, huwa spezzjona x-xoghol kollu li sar minn Rainbow Mix, iccertifika li sar tajjeb u ghalhekk kien tal-fehma li x-xoghol kellu jithallas. Il-Perit Sciberras hareg zewg kontijiet : l-ewwel kont fl-ammont ta` Lm6,998.83 u t-tieni kont fl-ammont ta` Lm2,728.34 – total ta` Lm9,727.17.

Il-perit tekniku, wara li qies l-akkont li kienet thallset Rainbow Mix, kien tal-fehma li din kellha kull jedd tithallas il-bilanc ta` Lm3,349.17. Sostna li ma tressqet l-ebda prova konklussiva li Rainbow Mix ghamlet xoghol hazin. Accerta li waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol, il-konvenuti ma

lmentawx dwar il-mod kif kien qieghed isir ix-xoghol (ara x-xiehda ta` Philip Cutajar a fol 138). Ic-certifikazzjoni li saret mill-Perit Sciberras tkompli ssostni dan l-attendibilita` ta` dan l-istat ta` fatt (ara fol 155).

Ghalkemm strettament relatata mat-talbiet attrici fil-kawza l-ohra li kienet miexja ma` dik tal-lum, jigi rilevat li l-pretensjoni ghal danni reklamati mill-konvenuti hija nsostenibbli stante li kwalsiasi dewmien fit-twettieq tal-appalt kien ghal kollox imputabbli lill-konvenuti. Ghalhekk wara li ntemm l-inkariku ta` Rainbow Mix, kwalsiasi spejjez zejda li nkorrew l-atturi meta taw l-appalt lil Attard Bros Ltd sabiex tkompli x-xoghol kellhom ibatuhom il-konvenuti.

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta` natura teknika ta` perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta` espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs Mifsud</u>"** irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*
*Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll*

*sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet sfavorevoli ghall-konvenuti, dawn ghazlu li ma jaghmlux talba ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et" –** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet –

*Bil-ligi u b`harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta` perit mahtur minn qorti u maghmula f`rapport imressaq minnu m`humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta` fatt, specjalment f`oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m`ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta` periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta` Gunju 1967).

Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir *b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-*

*opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (**"Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

Ghalhekk 'in fin' dei conti` *qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa impernjat fuq provi u konsiderazzjonijiet teknici. Sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda fil-post fejn sar ix-xoghol mill-kumpannija attrici u ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu wara li qies il-provi li ressqu l-partijiet inkluzi provi teknici ta` periti *ex parte*. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista" -** *ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b`mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**Tilqa` t-talba attrici kif dedotta u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` sebat elef tmien mija u wiehed Ewro sebgha u erbghin centezmi (€7801.47) [ekwivalenti ghal tlitt elef tliet mija disgha u erbghin liri sbatax-il centezmi (Lm3,349.17)] bl-imghax legali b`effett mis-7 ta` Lulju 1999.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tad-19 ta` Mejju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta` Lulju 1999.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------